MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 420/2014

Appell Nru: 420/2014

Il-Pulizja

Vs

Patrick Bajada

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Patrick Bajada, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 261671M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-22 ta' Marzu, 2014 ghall-havta ta' 02:00hrs fi Triq San Bartilmew, Zurrieq waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABU 954:

1. Kien involut f'incident tat-traffiku ma vettura Nru: ABR 849 u ma vettura Nru: EBO 518, naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jghati l-partikolkaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi.
2. U aktar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura Nru. EBO 518 u nvolontajrament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Anton Zammit, kif ukoll habat ma vettura Nru. ABR 849 u nvolontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Sergio Izzi Savona.
3. Kif ukoll saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata (a) perikoluza (b) bla kont.
4. U aktar qieghed, xerred, qattar jew xehet xi likwidu li ghamel hsara jew kull materjal ta' kull tip li jwegga' jew li jhammeg inkluz zejt jew karburant u kull fluwidu iehor, b'tali manjiera biex jigri jew jaqa f'post pubbliku.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-17 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligjiet ta' Malta, MVR 67 tal-LS 65.11 u l-artikolu 56 tal-LS 499.56;

Sabet lill imputat Patrick Bajada hati tal-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi u kkundannatu multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250) filwaqt li ssospendiet il-licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien tlett xhur (3). Iddikjarat procediment ezawrit fit-tieni (2) akkuza stante l-hlas.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Patrick Bajada, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Ottubru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi thassarha, tirrevokaha u tikkancellaha fejn l-appellant instab hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba akkuza u konsegwentement tilliberah minn dawn l-akkuzi u tikkonferma

dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat procediment ezawrit fir-rigward tat-tieni akkuza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Miguel Degiorgio esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta waslet biex sabet htija fl-appellant. F'dawn il-proceduri tressqu s-segwenti xhieda: i) Anton Zammit li xhed illi sema' hoss ta' habta ta' karozza, hareg mid-dar tieghu u nduna li l-vettura tieghu li kienet parkeggjata u ohra hdejha kienu intlaqtu. Eventwalment sab vettura ohra parkeggjata tris il-boghol li kkonkluda li kienet dik li dahlet fuq il-vettura tieghu. ii) Sergio Izzi Savona xehed illi sema' hoss u eventwalment skopra illi l-vettura tieghu kellha hsarat. iii) Affidavit ta' rapprezentant tal-ufficju tal-licenzji minfejn irrizulta illi l-vettura li nstabet parkeggjata tirq il-boghod kienet tghajjat lill-appellant.

Illi ma tressqet l-ebda prova illi kien l-appellant li kien qieghed isuq din il-vettura dak inhar tal-habta.

Illi in vista ta' dawn il-provi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet htija fl-appellant u kellha tillibera lill-istess appellant minn kull htija. Kuntrarjament ghald dak imtenni fis-sentenza ma kien hemm l-ebda prova cirkostanzjali li kien l-appellant li effettivament kien qed isuq il-vettura meta saret il-habta u lanqas illi kienet dik il-vettura li kienet involuta fil-habta de quo.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) fis-saghtejn ta' filghodu (2.00 a.m.) saret kollizjoni bejn tlett (3) vetturi fi Triq San Bartilmew, iz-Zurrieq. Il-karozzi involuti kienu ABU 954 registrata fuq isem l-appellant, vettura EBO 518 registrata fuq Anton Zammit u vettura ABR 849 registrata fuq Sergio Izzi Savona. Kemm Anton Zammit kif ukoll Savona kienu

rieqdin fid-dar taghhom fil-hin tal-incident, semghu hoss kbir u meta hargu 'l ghada filghodu indunaw illi xi hadd kien dahal fil-vetturi taghhom u baqa' sejjer. Anton Zammit segwa qtar taz-zejt illi kien hemm mal-art u dawn iggwidawh lejn il-vettura registrata fuq isem l-appellant. Ghalhekk il-pulizija ipprocedew kontra l-appellant u b'sentenza tas-sbatax (17) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni u ikkundannatu ghal multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250) u issospendiet il-licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien tlett xhur, iddikjarat il-procediment ezawrit fil-konfront tat-tieni imputazzjoni stante l-hlas.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u hass illi ma kienx hemm rabta bejn l-incident u l-appellant u dana peress illi hadd ma ra l-incident.

Ikkunsidrat:

Minkejja illi hadd ma ra dan l-incident din il-Qorti jidhrilha illi jezistu provi bizzejjed biex l-appellant jigi addebitat bir-reati msemmija. Jibda biex jinghad illi z-zejt illi kien hemm mal-art ezatt fejn saru l-hsarat fuq iz-zewg karozzi ipparkjati, wasslu ghand il-karozza registrata f'isem l-appellant u meta l-pulizija fethu l-bonnet sabu li l-magna ghadha shuna. L-appellant Patrick Bajada stqarr mal-pulizija illi waqt illi kien sejjer id-dar tieghu bil-vettura ABU 954 wara ikla tax-xoghol huwa u ghaddej quddiem il-Bank of Valletta hass illi marret ghajnejh bih u bil-konsegwenza baqa' diehel gol-vetturi illi kienu ipparkjati. Dak il-hin ippanikja u beza' u ma kienx jaf x'se jaqbad jaghmel u ghalhekk ipparkja l-karozza triq 'il boghod minn fejn sar l-incident. Din il-verzjoni tohrog mir-rapport ta' PS Malcolm Pace kif jidher a fol 4 tal-process. Hija dikjarazzjoni tal-appellant maghmula volontarjament lill-pulizija li kienu qeghdin jinvestigaw dan il-kaz. Ghalhekk din il-provi flimkien ma' provi materjali dwar il-hsara, id-direzzjoni taz-zejt kif ukoll it-temperatura tal-magna jwasslu lil din il-Qorti ghall-konvinciment morali illi kien l-appellant responsabbli ghal dan l-incident bil-konsegwenzi illi gab.

Ghalhekk issib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------